MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 2384/1999/1

**Nutar Dottor Philip Saliba, Marie Louise Saliba, Nutar Dottor Jeannette Laferla Saliba, Prokuratrici Legali Hilda Ellul Mercer, Harold Ellul Mercer, Margaret Anastasi, Henri Saliba u Anna mart Emanuel Portelli.**

**vs**

**Carmel sive Charles Vella u Esther Vella konjugi Vella u li d'digriet tat-18 ta' Awissu 2003, l-atti gew trasfuzi minn Carmel sive Charles Vella u Esther Vella, konjugi Vella ghal Esther Vella, armla tal-mejjet Carmelo, f'ismha proprio u bhala kuratrici *ad litem* ta' uliedha minuri Christian u Jamie.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 2 ta' Novembru 1999 u pprezentata quddiem il-Qorti kif presjeduta a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-atturi huma proprjetarji ta' ghalqa fil-kontrada tal-Madliena, f'Wied id-Dis limiti tal-Gharghur kif tidher fil-pjanta hawn annessa mmarkata Dok. "P";

Illi parti minn din l-ghalqa li tammonta ghall-erba' decimi (4/10) tat-total giet moghtija b'donazzjoni mill-atturi n-Nutar Dottor Philip Saliba u martu Marie Louise Saliba lill-uliedhom u cioe` l-atturi l-ohra, barra Anna mart Emanuel Portelli, u dan permezz ta' kuntratt datat 19 ta' Gunju 1997 fl-atti tan-Nutar Mario Rosario Bonello hawn anness u mmarkat Dok. "A";

Illi decima parti (1/10) ohra mill-istess ghalqa giet moghtija b'donazzjoni mill-istess konjugi Saliba lil binthom l-attrici l-ohra Anna Portelli u dan permezz ta' kuntratt tal-14 ta' Awissu 1997 fl-atti tan-Nutar Mario Rosario Bonello hawn anness mmarkat Dok "B";

Illi din l-ghalqa kienet ilha fil-pussess ta' l-atturi ghall-aktar minn tletin (30) sena u cioe` sa mill-elf disa' mija hamsa u hamsin (1955);

Illi l-konvenuti dahlu f'din il-proprjeta` ta' l-atturi fuq imsemmija u b'dan qieghdin jintralcaw lill-atturi fil-pussess taghhom;

Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati sabiex jieqfu mill-agir taghhom huma baqghu inadempjenti;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenuti ivvjolaw, bl-ghemil taghhom fuq imsemmi, il-pussess ta' l-atturi tal-ghalqa fil-kontrada tal-Madliena, f'Wied id-Dis limiti tal-Gharghur;

2. Tordna li l-konvenuti jieqfu minn dan l-agir taghhom;

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jirripristinaw l-art fl-istat li kienet u jirrijintegraw lill-atturi fil-pussess taghha u dan fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa din il-Qorti; u

4. Tawtorizza lill-atturi li, fin-nuqqas li l-konvenuti jaghmlu dan, jaghmlu x-xoghlijiet huma a spejjes ta' l-istess konvenuti *occorrendo* taht id-direzzjoni ta' periti nominandi.

Salv kull dritt iehor spettanti lill-atturi skond il-ligi;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol.3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti minn fol.4 sa fol.11 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif presjeduta nhar it-23 ta' Novembru 1999 ghas-seduta tal-26 ta' Jannar 2000.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 22 ta' Dicembru 1999 a fol.14 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes *stante* li skond ma jirrizulta mill-kuntratt ta' l-akkwisti tat-2 ta' Lulju 1997 pubblikat minn Nutar Dr. Maurice Gambin LLD., l-proprjeta` li taghha l-atturi qieghdin jivvantaw drittijiet kienet tal-vendituri ta' l-esponenti li kienu wirtuha minghand Peter John Aquilina li miet fl-Awstralja. Kwindi l-awturi ta' l-attur, li jivvantaw titolu ta' proprjeta` abbazi ta' preskrizzjoni akkwizittiva, ma jistghux jaghmlu dan, *molto di piu`* meta wiehed mill-kuntratti ta' donazzjoni sar wara li l-proprjeta` in kwistjoni kienet gia` giet akkwistata mill-esponenti mill-poter tal-vendituri tieghu, hawn aktar tard imsemmija. Illi ghalhekk l-esponenti ghandhom kemm il-proprjeta` *(ownership)* kif ukoll il-pussess tal-proprjeta' mertu tal-kawza u ma qeghdin jivvjolaw ebda drittijiet ta' l-atturi.

2. Illi, *comunque,* bla pregudizzju ghall-permess, u sabiex il-process ikun integru, *in vista* tal-pacifiku pussess li gie moghti lill-esponenti mill-vendituri taghhom, l-istess vendituri ghanhom jigu kkjamati in kawza. Dawn huma Anne Borg li ghandha karta ta' l-identita` numru 1104647 (M) li tabita l-Hamrun f'isimha *proprio* u bhala mandatarja tas-segwenti li kollha jghixu barra minn Malta u cioe` Bartolomeo-Tony, maghruf ukoll bhala Robert-Bartolomeo, John Mary maghruf ukoll bhala James, Mary Rose Aquilina, Charles Aquilina, Mark Borg, Jason Borg, Susan Borg, Peter Borg, Julie Moffatt armla minn David Borg, Matthew Borg, Stephen Borg.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol.15 u 16 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif presjeduta tas-26 ta' Jannar 2000 a fol.18 tal-process fejn deher Dr. Joseph Schembri ghall-konvenuti u deher ukoll l-attur. Prezenti l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer u l-attrici li tat ruhha notifikata ghall-atturi bl-avviz tal-kawza. Dr.Schembri talab differiment sabiex il-partijiet jittransiegu l-kawza. Il-kawza giet differita ghall-informazzjoni ulterjuri ghad-29 ta' Marzu 2000, b'dan li jekk il-kawza ma tigix transatta ghandu jidher id-difensur ta' l-atturi sabiex jindika n-natura ta' l-azzjoni attrici; tad-29 ta' Marzu 2000; tas-7 ta' April 2000; tat-30 ta' Gunju 2000; tat-13 ta' Lulju 2000; tat-8 ta' Novembru 2000 fejn il-kawzi kollha gew differita ghall-probabbli transazzjoni; u tal-24 ta' Jannar 2001 (fol.25) fejn dehret l-attrici l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer, u l-konvenut assistit minn Dr.Joe Schembri li nformaw lill-Qorti li t-transazzjoni ma sehhitx u Profs. Ian Refalo kien imsiefer. Inghata digriet ta' l-affidavits lill-atturi sabiex sa zmien sittin (60) gurnata jipprezentaw l-affidavits taghhom u tax-xhieda minnhom indikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta' l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b'riserva ta' kontro-ezami. Il-kawza giet

differita ghall-konkluzjoni tal-provi attrici ghat-23 ta’ Mejju 2001.

Rat in-nota ta’ l-atturi pprezentata fl-20 ta’ April 2001 a fol. 27 tal-process li biha pprezentaw ix-xhieda b’affidavit tan-Nutar Dottor **Philip Saliba** (fol.28 u mmarkat Dok. “A”), ta’ **Harold Ellul Mercer** (fol.33 u mmarkat Dok. “B”) u ta’ **Henri Saliba** (fol 36 u mmarkat Dok. “C”).

Rat in-nota tal-konvenuti datata 30 ta’ April 2001 a fol.39 li permezz taghha ddikjaraw li huma intenzjonati li jikkontro-ezaminaw lix-xhieda ta’ l-atturi li iddeponew bis-sistema ta’ l-affidavit.

Rat ir-rikors ta’ l-atturi datat fl-20 ta’ Marzu 2001 a fol.40 tal-process fejn l-esponenti talbu lill-Qorti joghgobha takkorda lill-atturi estensjoni ta’ xahar iehor ghall-prezentata ta’ l-affidavits. Il-Qorti laqghet it-talba u estendiet it-terminu ghall-prezentata ta’ l-affidavits fi zmien tletin (30) gurnata b’sehh mill-istess digriet moghti fil-21 ta’ Marzu 2001.

Rat in-nota tan-Nutar Philip Saliba *et* ipprezentata fir-Registru Superjuri fit-22 ta’ Mejju 2001 a fol. 43 tal-process li biha pprezenta l-affidavit ta’ **Margaret Anastasi** mart Cyril, **Marie Louise Saliba** mart in-Nutar Philip, in-**Nutar Dottoressa Jeanette Laferla Saliba**, u ta’ **Anna Portelli** mart Emanuel.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tat-23 ta’ Mejju 2001 a fol. 48 tal-process fejn dehru whud mill-atturi assistiti mill-Professur Ian Refalo u l-konvenut assistit minn Dr. Joseph Schembri. Il-Professur Ian Refalo ddikjara li m’ghandux provi aktar. Inghata digriet ta’ l-affidavit lill-konvenuti sabiex sa zmien hamsin (50) gurnata jipprezentaw l-affidavits taghhom u tax-xhieda minnhom indikati, li jistghu jsiru bil-procedura ta’ l-affidavit, bid-dokumenti kollha relattivi, bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensuri tal-kontro-parti u b’riserva ta’ kontro-ezami. Il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenut ghas-16 ta’ Ottubru 2001.

Rat ir-rikors tal-konvenuti datat 22 ta’ Gunju 2001 (fol.50) fejn talbu lill-Qorti joghgobha tahtar perit gudizzjarju. Il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti ghar-risposta.

Rat ir-risposta tan-Nutar Dr.Philip Saliba et datata 18 ta’ Lulju 2001 (fol. 54) fejn l-atturi ma opponewx ruhhom ghan-nomina tal-Perit mitlub imma oggezzjonaw ruhhom ghal motivazzjoni migjuba ‘il quddiem fir-rikors u dan minhabba li kienu l-konvenuti stess li ghamlu l-alterazzjoni fil-konfigurazzjoni ta’ din l-istess art, liema alterazzjonijiet ippruvaw il-prezenti kawza. Il-Qorti kif presjeduta ordnat, fid-digiriet taghha moghti fit-18 ta’ Lulju 2001, lill-atturi sabiex jindikaw permezz ta’ pjanta liema parti ta’ l-art mertu tal-kwistjoni odjerna giet allegatament okkupata mill-konvenut, b’kopja lill-kontro-parti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Qorti kif presjeduta tas-16 ta’ Ottubru 2001 a fol.56 tal-process fejn dehru l-Professur Ian Refalo ghall-atturi u l-konvenut assistit minn Dr. Joseph Schembri. Il-Professur Refalo spjega li m’ghamilx il-pjanta ndikata peress li sab problema biex jidhol fl-art okkupata mill-konvenut. Dr. Joseph Schembri nforma l-Qorti illi fi zmien ghaxart ijiem (10) kellu jipprezenta x-xhieda tieghu bil-procedura ta’ l-affidavits u l-Qorti estendiet it-terminu ta’ l-affidavit b’dak fuq indikat. Il-kawza giet differita biex isiru l-kontro-ezamijiet rispettivi ghat-23 ta’ Jannar 2002.

Rat in-nota tal-konvenuti datata 19 ta’ Ottubru 2001 a fol.58 fejn biha esebixxa l-affidavits ta’ **Carmel Calleja** (fol.59)**, John Calleja** (fol 61)**, Leli Azzopardi** (fol 63)**, Joseph Debono** (fol.65), **Giuseppi Aquilina** (fol.67), **Nazzareno Sammut** (fol.69) u **Victor Calleja** (fol.71) u inghatat kopja lill-kontro-parti.

Rat in-nota ta’ l-atturi datata 25 ta’ Ottubru 2001 (fol.74) li biha irriservaw il-kontro-ezami ta’ Carmel Calleja, John Calleja, Leli Azzopardi, Joseph Debono, Giuseppi Aquilina, Nazzareno Sammut u Victor Calleja li xehdu permezz ta’ affidavits.

Rat in-nota tal-konvenuti pprezentata fid-9 ta' Novembru 2001 li biha esibew l-affidavit ta' **Michael Attard** (fol.76) u **Bertu Bezzina** (fol.78) b'kopja lill-kontro-parti.

Rat iz-zewg noti tal-konvenuti datati 9 ta' Jannar 2002 li biha esebew sitt ritratti tal-fond meritu tal-kawza kif jidhru a fol.84, 85 u 86, u l-affidavit ta' **Maryanne Borg** b'kopja lill-kontro-parti kif jidher a fol.88 tal-process.

Rat ir-rikors tal-konvenuti pprezentat fid-9 ta' Jannar 2002 (fol.90) fejn talbu lill-Qorti joghgobha takkorda differiment ghal seduta ohra minhabba li l-avukat ser ikun imsiefer u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni. Il-Qorti laqghet it-talba dak inhar stess li gie pprezentat ir-rikors u ddifferiet il-kawza ghat-12 ta' Frar 2002.

Rat il-verbali tas-seduti tat-23 ta' Jannar 2002 (fol.94) illi *in vista* tar-rikors precedenti l-kawza giet differita ghas-26 ta' Frar 2002; tas-26 ta' Frar 2002 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr.Joseph Schembri ghall-konvenut prezenti u Dr. John Refalo ghall-atturi prezenti. Xehed bil-gurament **Alfred Farrugia** rapprezentant tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura prodott mill-konvenuti. Il-kawza giet differita ghall-25 ta' April 2002 ghall-konkluzjoni tal-provi tal-konvenuti u kontro-ezami. L-atturi obbligaw ruhhom li jkunu prezenti; tal-25 ta' April 2002; tad-9 ta' Ottubru 2002 fejn xehed l-attur **Harold Ellul Mercer** in kontro-ezami. Il-kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-provi kollha li kien fadal ghall-4 ta' Frar 2003; tal-4 ta' Frar 2003; u tal-4 ta' Marzu 2003 (fol.124) fejn dehru l-atturi Ellul Mercer assistiti minn Dr. Therese Cachia u Dr.Joseph Schembri ghall-konvenuti. Xehdu in kontro-ezami u bil-gurament **Marianne Borg** (fol.127), **Michael Attard** (fol.143), **Joseph Aquilina** (fol.162)**, Bertu Bezzina** (fol.171), **Joseph Debono** (fol.183), **Nazzareno Sammut** (fol.197) **u Leli Azzopardi** (fol 208). Il-kawza giet differita ghall-kontro-ezamijiet kollha relattivi ghall-14 ta' Mejju 2003; u tal-14 ta' Mejju 2003 fejn deher Dr.Joseph Schembri ghall-konvenut Charles Vella li talab differiment sabiex jigu legittimizzati l-atti. Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop ghall-15 ta' Ottubru 2003.

Rat ir-rikors ta' Esther Vella *proprio et nomine* datat 13 ta' Awissu 2003 (fol.220) fejn talbet lill-Qorti joghgobha takkolji t-talba taghhom u b'hekk tordna li l-atti tal-kawza jigu legittimati f'isimhom – kollox isir taht dawk il-provvedimenti kollha li din il-Qorti joghgobha timponi. Il-Qorti, fid-digriet taghha tat-18 ta' Awissu 2003 laqghet it-talb u ordnat t-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem l-istess rikorrenti u ordna li dawn jigu ndikati fl-okkju tal-kawza u kull fejn jirrikorri fl-atti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti kif presjeduta tal-15 ta' Ottubru 2003 a fol.225 tal-process fejn deher Dr. Joseph Schembri ghall-konvenut u Dr.Therese Cachia ghall-attrici. Dehret ukoll il-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer. Xehed in-Nutar **Philip Saliba**. Il-kawza giet differita sabiex isiru l-kontro-ezamijiet relattivi ghat-3 ta' Frar 2004; u tat-3 ta' Frar 2004 fejn deher il-Professur Ian Refalo u Dr. Therese Cachia ghall-attrici, u Dr. Joseph A Schembri ghall-konvenuti prezenti. Xehdet **Marianna Borg** prodotta mill-konvenuti. Il-kawza giet differita ghall-20 ta' April 2004 ghall-ahhar darba ghall-istess skop tal-verbal precedenti; tal-20 ta' April 2004 (fol.247) fejn dehru Dr.Joseph Schembri ghall-konvenuti, Dr. Therese Cachia ghall-atturi, il-Prokuratur Legali u Nazzareno Debono. Xehdu **Nazzareno Debono** (li x-xhieda tieghu giet sfilzata b'digiriet moghti fl-20 ta' April 2004)**, Mary Louise Saliba** (fol.270) in kontro-ezami, **Esther Vella** l-armla tal-konvenut (fol.261) u li pprezentat ukoll hdax-il ritratt, u **Margaret Anastasi** in kontro-ezami (fol.266). Il-kawza giet differita biex il-partijiet jaghlqu l-provi (kontro-ezami) ghat-8 ta' Gunju 2004; tat-8 ta' Gunju 2004; tal-5 ta' Ottubru 2004; tal-11 ta' Jannar 2005 (fol.269) fejn deher Dr. Joseph A Schembri ghall-konvenuti prezenti u l-attrici l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li talbu li jsir access fuq il-post. Il-Qorti laqghet it-talba u iffissat access ghall-24 ta' Frar 2005. Il-kawza giet differita ghat-8 ta' Gunju 2005 ghall-finali trattazzjoni.

Rat l-ordni tal-Qorti moghtija fl-24 ta' Frar 2005 fejn minhabba ndispozizzjoni ta' l-Imhallef sedenti l-access li kellu jsir dak inhar stess gie sospiz.

Rat il-verbali tas-seduti tat-8 ta’ Gunju 2005 a fol 271 fejn deher Dr. Joseph Schembri ghall-konvenuti. Il-Professur Ian Refalo ssejjah diversi darabi baqa’ ma deherx. Il-Qorti iffissat access ghas-6 ta’ Ottubru 2005. Il-kawza giet differita ghat-23 ta’ Novembru 2005 ghall-finali trattazzjoni. Aktar tard deher il-Professur Ian Refalo li ha konjizzjoni tal-verbal tas-seduta; tat-23 ta’ Novembru 2005; tat-8 ta’ Frar 2006 fejn deher Dr. Joseph Schembri ghall-konvenuti u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bhala attrici. L-access gie iffissat ghat-22 ta’ Marzu 2006 u l-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni ghat-3 ta’ Mejju 2006.

Rat il-verbal ta’ l-access li sar fit-22 ta’ Marzu 2006 fejn kien hemm prezenti l-partijiet u d-difensuri rispettivi taghhom. L-atturi ndikaw il-pretensjonijiet taghhom dwar l-art in kwistjoni liema art testendi mir-razzett u tibqa’ niezla sa gol-wied. Irrilevaw ukoll li l-istess art kienet maqsuma fi hbula kif ghad hemm faccata u mhux kif inhi llum, imdawra bis-sigar u l-hitan tas-sejjiegh imnehhija, jew ahjar sostitwiti b’sigar. Gie allegat mill-atturi li l-gholi tal-hbula gie alterat. Il-partijiet qablu li l-*boundary wall* ghadu fl-istess post, pero` l-atturi allegaw li gie mgholli u rrangat u l-Qorti giet murija tali hajt mit-triq, pero` qieghed f’livell taht it-triq. Sal-wied l-atturi jallegaw li kien hemm xi tlett ihbula. L-access gie maghluq u l-ispejjez ta’ l-access inqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tat-3 ta’ Mejju 2006 a fol.277 tal-process fejn prezenti kien hemm Dr. Therese Cachia ghall-attur u Dr.Joseph Schembri ghall-konvenuti. Id-difensuri talbu li jaghmlu nota ta’ l-osservazzjonijiet u l-Qorti laqghet it-talba u l-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghall-10 ta’ Ottubru 2006.

Rat in-nota tal-konvenut datata 28 ta’ Lulju 2006 fejn l-istess konvenut ipprezenta kuntratt pubbliku tan-Nutar Dr. Maurice Gambin datat 2 ta’ Lulju 1997 u kopja tal-kuntratt datat 7 ta’ Mejju 1938 fl-atti tan-Nutar Joseph Sammut.

Rat ir-rikors ta' l-atturi datat 6 ta' Ottubru 2006 fejn talbu s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex l-istess jiehdu konjizzjoni tad-dokumenti pprezentanti mill-konvenut fit-28 ta' Lulju 2006, u d-digriet tal-Qorti datat 9 ta' Ottubru 2006 fejn laqghet it-talba.

Rat il-verbal tas-seduta datata10 ta' Ottubru 2006 fejn fost l-ohrajn il-Professur Refalo nforma lill-Qorti li ha kopja tad-dokumenti esebiti mill-konvenut b'nota tat-18 ta' Lulju 2006.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Novembru 2006 fejn id-difensuri trattaw il-kaz u l-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghad-29 ta' Marzu 2007.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-atturi qed jallegaw li kellhom u ghandhom il-pussess ta' ghalqa fil-kontrada tal-Madliena, f'Wied id-Dis limiti tal-Gharghur kif tidher fil-pjanta annessa u mmarkata Dok. "P" mac-citazzjoni attrici u ma' dan iziedu li ghandhom il-proprjeta ta' l-istess peress li parti minn din l-ghalqa li tammonta ghall-erba' decimi (4/10) tat-total giet moghtija b'donazzjoni mill-atturi n-Nutar Dottor Philip Saliba u martu Marie Louise Saliba lill-uliedhom u cioe` l-atturi l-ohra, barra Anna mart Emanuel Portelli, u dan permezz ta' kuntratt datat 19 ta' Gunju 1997 fl-atti tan-Nutar Mario Rosario Bonello hemm anness u mmarkat Dok. "A" mentri d-decima parti (1/10) ohra mill-istess ghalqa giet moghtija b'donazzjoni mill-istess konjugi Saliba lil binthom l-attrici l-ohra Anna Portelli u dan permezz ta' kuntratt tal-14 ta' Awissu 1997 fl-atti tan-Nutar Mario Rosario Bonello hemm anness u mmarkat Dok "B"; pero' fuq kollox jidher li l-atturi qed jibbazaw il-pretensjoni taghhom fuq l-allegazzjoni li l-istess ghalqa kienet ilha fil-pussess taghhom ghall-aktar minn tletin (30) sena u cioe` sa mill-elf disa' mija hamsa u hamsin (1955); u b'hekk qed

jitolbu dikjarazzjoni li l-konvenuti bl-atti taghhom ivvjolaw il-pussess li l-istess atturi ghandhom fuq l-istess art u dan billi dahlu fl-ghalqa in  kwistjoni u ghalhekk talbu sabiex il-konvenuti jieqfu minn dan l-agir taghhom u sabiex l-istess konvenuti jigu ordnati jhallu l-istess ghalqa u jirrijintegraw lill-atturi fil-pussess ta' l-istess u sabiex fin-nuqqas li l-konvenuti jaghmlu dan, ikunu l-istess atturi li jigu awtorizzati jaghmlu huma l-istess xoghlijiet sabiex l-istess art tigi riprestintata fil-pussess taghhom kif kienet u dan a spejjez tal-konvenuti.

Illi min-naha l-ohra l-konvenuti qed isostnu li huma akkwistaw l-istess proprjeta` permezz ta' kuntratt ta' l-akkwisti tat-2 ta' Lulju 1997 pubblikat minn Nutar Dr. Maurice Gambin LLD., liema proprjeta' kienet tappartjeni lill-vendituri hemm indikati fl-istess kuntratt u cjoe' Anne Borg li ghandha karta ta' l-identita` numru 1104647 (M) li tabita l-Hamrun f'isimha *proprio* u bhala mandatarja tas-segwenti li kollha jghixu barra minn Malta u cioe` Bartolomeo-Tony, maghruf ukoll bhala Robert-Bartolomeo, John Mary maghruf ukoll bhala James, Mary Rose Aquilina, Charles Aquilina, Mark Borg, Jason Borg, Susan Borg, Peter Borg, Julie Moffatt armla minn David Borg, Matthew Borg, Stephen Borg u l-istess kienu wirtu l-imsemmija proprjeta' minghand Peter John Aquilina li miet fl-Awstralja.

Illi jidher li kif anke ssottemetta l-Professur Ian Refalo ghall-atturi fit-trattazzjoni tieghu quddiem din il-Qorti fl-ahhar seduta, li ma giet bl-ebda mod ikkontestata, u fuq kollox kif jidher mic-citazzjoni attrici l-kawza esperita mill-atturi hija dik possessorja maghrufa bhala *actio manutentionis* kontemplata fl-**artikolu 534 tal-Kap 16.**

Illi kif inghad fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawzi fl-ismijiet **"Teresa Cachia vs Joseph Caruana"** (A.C. 6 ta' Dicembru 2002) u **"J. Tabone vs J. Flavia sive De Flavia"** (Koll.Vol.XIII.i.86):-

*"Hu principju generali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini tal-att li bih jinbdew il-*

*proceduri, u dan hu veru partikolarment f'materja ta' azzjoni possessorja".*

Illi meta wiehed ihares lejn l-azzjoni attrici, ghalkemm huma jindikaw li huma proprjetarji ta' l-art in mertu, izda xorta wahda jidher car li huma bbazaw l-istess fuq il-pussess li jsostnu li kellhom fuq l-istess art sa mis-sena 1955 u fit-talbiet taghhom jidher car li qed jigi mitlub li jigi protett il-pussess taghhom u dan iwassal sabiex l-azzjoni attrici tigi kkunsidrata a norma ta' l-**artikolu 534 tal-Kodici Civili** li jipprovdi li:-

*"Kull min, waqt li jinsab fil-pussess, ta' liema xorta jkun, ta' haga mmobbli, jew ta' universalita' ta' hwejjeg mobbli, jigi mmolestat f'dak il-pussess, jista' fiz-zmien sena mill-molestja, jitlob li jinzamm f'dak il-pussess, basta li ma jkunx ha f'idejh dak il-pussess minghand il-konvenut bi vjolenza jew bl-mohbi, jew ma jkunx kiseb minghandu dak il-pussess b'titolu prekarju".*

Illi kif gie deciz diversi drabi allura l-elementi essenzjali tal-azzjoni odjerna huma s-segwenti:-

(a) il-pussess ta' haga mmobbli jew universalita` ta' hwejjeg mobbli;

(b) l-atti li jikkostitwixxu l-molestja ghal dan il-pussess;

(c) il-proponiment ta' l-azzjoni fi zmien sena mill-molestja.

Illi in sostenn tat-tezi tieghu xehed l-attur in-Nutar Philip Saliba u martu li qed jallegaw li huma ilhom fil-pussess ta' l-istess proprjeta` minn 1955 u fil-fatt hekk l-istess attur isostni meta trasferixxa l-istess art lill-atturi l-ohra permezz ta' zewg kuntratti ta' donazzjoni datati rispettivament 19 ta' Gunju 1997 u 14 ta' Awissu 1997 fl-atti tan-Nutar Mario Rosario Bonello u esebiti bhala Dok. "A" u Dok. "B" rispettivament mac-citazzjoni attrici.

Illi fil-fatt huwa jghid li akkwista din l-art minghand certu Pietru ta' Katrina li kien telaq lejn l-Awstralja, u jghid li ltaqa' ma certu Deguara li kellu ittra li tghid li setgha

jiddisponi mill-istess raba' b'Lm250 u l-attur tah Lm50 bhala depositu u huwa u s-sensar Bernard Attard qalulu li l-ghalqa kienet tieghu, tant li huwa qabbad lill-istess sensar sabiex jiehu hsiebha minghajr ebda qbiela; kienet tintuza' minn ibnu u r-ragel ta' bintu ghall-kacca, u wara li miet Bernard, minn ibnu Andrea. Jghid li r-razzett li allegatament l-attur qatt ma kien jifforma parti minn din l-ghalqa.

Illi f'din ix-xhieda l-istess attur huwa kkorroborat mix-xhieda ta' l-imsemmi Andrea Attard li jghid li huwa u missieru kienu jiehdu hsieb din l-ghalqa billi jigbru l-harrub minn hemm u li dan dejjem kien isir ghan-nom tan-Nutar Saliba u dan dejjem fil-kuntest ta' l-istess art li hija ndikata fil-pjanta ndikata bhala Dok. “P” (fol.5 u 6) mac-citazzjoni attrici.

Illi minbarra dan hemm ix-xhieda ta' Harold Ellul Mercer illum ir-ragel ta' l-attrici Hilda Ellul Mercer li jghid li kien ilu jmur ghall-kacca fl-istess ghalqa ghall-30 sena, meta kien allura gharus ma' l-istess; mieghu kien ikun hemm Henri Saliba hu l-mara tieghu, u din l-ghalqa kienet testendi ghall-10 tomniet u testendi mir-razzett illum proprjeta` tal-konvenut, tkompli tul parti mit-triq (lejn id-direzzjoni tal-*bridge*) u tibqa' niezla sal-hajt tas-sejjiegh ta' fuq il-wied u ndikata mal-pjanta – Dok. “A” anness ma' l-affidavit tieghu datat 20 t'April 2001 ukoll indikata a fol. 35 tal-process. L-istess xhud jghid li r-razzett allegatament akkwistat mill-konvenut qatt ma kien jinkludi l-istess art, tant li meta l-konvenut Charles Vella xtara r-razzett, kien l-istess konvenut li mar ma' ragel iehor ghand in-Nutar Saliba sabiex jixtri l-art ta' l-attur izda ma ntlahaq ebda ftehim. Jixhed li minn meta xtara r-razzett il-konvenut okkupa parti mill-art, u dan billi ghamel rampa, nehha hitan tas-sejjiegh, sigar u ghamel xoghlijiet ohra b'mod li okkupa parti mill-art li l-istess atturi qed jallegaw li hija taghhom. Illi in kontro-ezami jghid li dan ix-xoghol beda jsir ftit qabel ma bdiet il-kawza w anke wara (xhieda 9 ta' Otturbru 2002).

Illi fil-kontro-ezami tieghu n-Nutar Philip Saliba qal li n-negozju li kien ghamel ma kienx jinkludi r-razzett; l-art

okkupata mit-tfal ghall-kacca hija dik li tmiss mar-razzett – iddur dawra mejt hekk, ghax hija forma ta’ nofs qamar, hekk, tinzel mat-trejqa kollha, u tasal gol-wied s’isfel. Qatt ma ra lin-nies li telghu jixhdu fl-istess inhawi. Qal li huwa xtara l-art iktar minn erbghin (40) sena ilu izda kuntratt ma ghamilx ghaliex qatt ma sab lil Pietru Aquilina. Kitba kien hemm biss l-ittra lil Bernard Attard li setgha jbiegh l-ghalqa izda qalulu Pietru Aquilina kien telaq l-Awstralja. Dan Bernard Attard qal li kien kiteb lil Pietru Aquilina li ma rrispondihx. L-ittra li kellu Bernard kienet speci ta’ prokura izda prezz ma kienx hemm fuqha ghaliex halla f’idejh. Il-kumplament tal-prezz qatt ma thallsu. Kien hemm giebja fl-istess art akkwistata minn Nutar. Dwar twieqi f’dan ir-razzett ma setghax jghid ghaliex l-ewwel qal li ma kienx hemm twieqi u wara qal li ma ghandux idea. Qal li f’din l-art ftit kien mar ghaliex kien iktar imur f’ghalqa tieghu ohra Had Dingli – jghid li l-art l-ohra aljenatu minn din l-art mertu tal-kawza odjerna. Fil-fatt qal hekk:-

*“Allura l-ohra ghaljenatni minn din; ghax iktar vicin tieghi Had Dingli: dak iz-zmien jiena kont fil-politika: Had Dingli kien ukoll distrett tieghi mar-Rabat u Haz Zebbug : jigifieri jien kelli nteress li nitla’ ghal diversi ragunijiet, u din speci abbandunajtha; ma tajtx kaz”.*

Illi l-istess attur Nutar sostna huwa minn meta qed jghid li akkwistaha ma kienx jidhol fiha u kienu t-tfal biss li kienu juzawha ghall-kacca u dan bdew jaghmluh meta gabu l-licenzja ghall-kacca.

Illi fuq dan il-binarju hija x-xhieda ta’ Henri Saliba li kien immur ghall-kacca fl-istess ghalqa u kien ibajjad madwar l-art bil-kliem RTO u bid-data tas-sena koncernata; F’April 1999 qal li Leonard Ellul Mercer, li jigi hu r-ragel ta’ ohtu, kien avvicinah il-konvenut Charles Vella flimkien ma’ ragel iehor li kien qallu li kien qed jokkupa parti mill-art tieghu. Jghid li r-razzett qatt ma kellu access ghall-art taghhom u l-entratura ta’ l-istess razzett kienet min-naha ohra, f’nofs tarag li jwassal ghal xaqliba ohra ta’ l-art, izda l-konvenut biddel kollox u dahal fl-art bil-gafeff u ghamel nizla li llum isservi ta’ *drive in* u dan ix-xoghol baqa’ sejjer minkejja li kien hemm *enforcement notice* mill-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar.

Wara l-konvenut kien avvicinah sabiex jixtri l-art u kienu ltaqghu ma' missier l-attur fid-dar tieghu izda ma sar ebda ftehim.

Illi dwar dan hemm ix-xhieda ta' Margaret Anastasi, Marie Louise mart in-Nutar Philip Saliba, Dottoressa Jeanette Laferla Saliba, Anna mart Emmanuel Portelli, kollha atturi li kollha kkonfermaw il-pussess ta' l-istess art min-Nutar Saliba u x-xoghlijiet li saru mill-konvenut fl-istess zmien meta huwa qal li xtara r-razzett li kien imiss ma' l-istess art, bil-konsegwenza li dahal fuq l-istess art li l-atturi qed jippretendu li kienet fil-pussess taghhom u fil-fatt fl-opinjoni ta' din il-Qorti hekk gie ppruvat.

Illi din l-azzjoni hija ghalhekk immirata mill-atturi sabiex tiddefendi l-pusess taghhom u biex twaqqaf lill-konvenuti milli jimmolestaw fl-istess godiment u allura l-iskop taghha huwa l-funzjoni konservattiva tal-pussess u c-cessazzjoni tal-molestja (**Vol. LI. P I p.100).**

Illi l-pussess protett b'din l-azzjoni huwa dak skond l-**artikolu 524 (1) tal-Kap 16**, pussesss maghruf bhala *ad usucapionem,* u jikkonsisti f'pusesss pacifiku, kontinwu, pubbliku u interott. Pussess li kellu jfisser bhala minimu detenzjoni ta' haga *animo domini* u ghalhekk din l-azzjoni ma tistax tirnexxi min minn jallega li huwa biss inkwilin ta' l-oggett mertu tal-kawza **(Vol. XLI. Ii. 1005).**

Illi min-naha l-ohra l-molestja tista' tkun tant ta' fatt kemm ta' dritt imma timplika dejjem kontradizzjoni ghall-pussess fil-ligi taghna, ta' liema xorta tkun. Hija timmanifesta ruhha f'att kompjut kontra l-volonta' tal-possessur – u bl-*animus contrarius* – li jostakola l-pussess jew ibiddel jew jillimita l-mod kif dan kien jigi qabel esplikat anke minghajr ma l-molestanti jafferma ghalih pussess kuntrarju. **("Domenica Mamo et vs Antonia Galea et"** (P.A. (PS) 18 ta' Frar 2004; **"Teresa Vella vs Mary Boldarini et"** (A.C. 24 ta' Frar 1967; **"Michelle Calleja vs Emanuela Cassar et"** (A.C. 7 ta' Novembru 1994).

Illi abbazi ta' dawn il-principji din il-Qorti thoss li dan it-tip ta' pussess ta' l-ghalqa in kwistjoni gie fil-fatt ippruvat fuq

kollox mill-attur in-Nutar Saliba u martu u dan peress li jirrizulta li *tramite* l-familjari tieghu, x-xhieda fuq indikati huwa zamm il-pussess ta' l-istess porzjoni diviza ta' art mertu tac-citazzjoni attrici u zamm il-pussess ta' l-estensjoni tieghu ta' l-art billi kienu jmorru ghall-kacca ibnu u r-ragel tat-tifla tieghu u b'hekk ma hemm l-ebda dubju li l-istess Nutar attur u allura l-atturi l-ohra kellhom pussess pubbliku u inekwivoku ta' l-istess porzjoni diviza ta' art.

Illi ma hemm l-ebda dubju lanqas li l-istess atturi u partikolarment in-Nutar Philip Saliba kellu pussess ta' l-istess art *"animo domini"* peress li kwantu ghal dak li huwa pussess jghid li din kienet ilha f'idejh minn meta huwa xtara l-istess art minghand certu Demicoli li skond huwa kien awtorizzat li jbiegh l-istess art b'ittra minn dan Pietru Aquilina; l-istess attur isostni li kien sar ftehim ghas-somma ta' Lm250, li minnha thallset biss is-somma ta' Lm50 bhala depositu u l-kuntratt baqa' ma sarx biss ghaliex skond huwa Pietru Aquilina kien siefer l-Awstralja, u ma setghax jikkomunika mieghu, u allura l-istess attur dejjem zamm l-art bhala sid ta' l-istess, pussess li huwa bizzejjed u konsonanti ma' dak li huwa mitlub f'din it-tip ta' azzjoni u dan kif ritenut fis-sentenzi **"George Camilleri vs George Bonello"** (P.A. (TM) 20 ta' Ottubru 2005).

Illi ta' l-istess portata hija s-sentenza **"Constantino Borg vs l-Eccellenza Tieghu t-Tabib Dottor Alexander Cachia Zammit bhala prokuratur generali tal-Monasteru ta' Santa Clara et"** (P.A. (DS)- 8 ta' Ottubru 2004) fejn inghad li:-

*"Issa huwa li l-artikolu 534 tal-Kodici Civili jipprovdi li l-azzjoni ta' mantunzjoni jista' jresseqha min "jinsab fil-pussess …. Ta' haga immobbli" u li dan il-pussess jista' jkun "ta' liema xorta jkun"; izda dan ma jfissirx li d-detenzjoni hija bizzejjed ghax detenzjoni mhijiex pussess. Kemm "pussess ta' liema xorta jkun" ma jinkludix ukoll id-detenzjoni jidher aktar car mill-artikolu ta' wara (l-artikolu 535) dwar l-azzjoni ta' spoll li, kontra dak li l-artikolu 534, isemmi kemm "il-pussess ta' liema xorta' jkun", kif ukoll*

*"id-detenzjoni" biex juri li l-azzjoni ta' spoll jista' jressaqha wkoll id-detentur".*

Illi din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti l-pussess vantat mill-atturi huwa dak *"il possesso e' definito dall'art 1140 come un potere sulla cosa che si manifesta in un'attivita' corrispondente all' esercizio del diritto di proprieta' o din un altro diritto reale"* **(*Alberto Trabucchi* – Istitzzione di Diritto Civile CEDAM 1999).**

Illi min-naha l-ohra l-eccezzjonijiet tal-konvenuti huma bbazati fuq l-allegat dritt li l-istess konvenut jew konvenuti jallegaw li akkwistaw fuq l-istess art permezz ta' kuntratt ta' akkwist datat 2 ta' Lulju 1997 fl-atti tan-Nutar Maurice Gambin, izda f'azzjoni possessorja ta' dan it-tip huwa mmaterjali l-jedd vantat mill-konvenuti, ghaliex din hija materja ta' natura petitorja, u allura ma jista' jkollha l-ebda influwenza fuq din il-kawza ta' natura purament possessorja. Dritt bhal dak vantat mill-konvenuti kien possibbli li jigi esperit biss wara d-definizzjoni ta' l-attwali gudizzju ovvjament ta' natura petitorja u f'dan is-sens din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **"Francesco Borg vs Giorgio Zammit"** (A.C. – 7 ta' Dicembru 1956- Vol. XL.i.386). B'hekk l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nkwantu bbazati fuq il-petitorju ma' jistax jostakolaw l-azzjoni attrici.

Illi jidher li mill-eccezzjonijiet l-istess konvenuti baqghu biss fuq il-petitorju anke jekk fit-tieni eccezzjoni jirreferu ghall-fatt li huma akkwistaw l-indikat razzett, li l-art posseduta mill-atturi, jallegaw li taghmel parti minnu, bil-garanzija tal-pacifiku pussess; izda dan proprju jikkonferma li dawn ma humiex eccezzjoni li jistghu jwaqqfu azzjoni possessorja.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti gie stabbilit li l-istess atturi, kif hawn inghad kellhom pussess fic-citazzjoni attrici, u li l-konvenut wara li ma wasalx mal-atturi ghall-bejgh ta' l-istess art, qabad u dahal fl-istess art u illegalment integra mar-razzett minnu akkwistat, u dan minkejja l-opposizzjoni ta' l-istess atturi, u b'hekk huwa aggixxa llegalment u t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha fil-konfront ta' l-istess konvenuti fis-sens li l-

konvenuti ghandhom jipprestinaw l-art posseduta mill-atturi fl-istat li kienet u jirrijintegraw lill-istess attur fil-pussess ta' l-istess art. Din il-konkluzjoni din il-Qorti waslet ghaliha wara li kkonsidrat li l-elementi kollha ta' l-azzjoni attrici gew ippruvati fis-sens li l-pussess necessarju ta' l-atturi gie ppruvat skond id-dettami ta' l-**artikolu 534 tal-Kap 16,** li sar l-att turbattiv *da parte* tal-konvenuti, u partikolarment mid-*decujus* li dahal fl-istess proprjeta' sabiex jinkorporaha mar-razzett li kien ezistenti, u wkoll ghaliex il-kawza odjerna saret fiz-zmien kontemplat fl-istess artikolu u dan peress li tali xoghlijiet fuq l-art posseduta mill-atturi saru mill-konvenut Carmel sive Charles Vella, kemm fil-bidu tas-sena 1999 (meta c-citazzjoni giet prezentata fit-2 ta' Novembru 1999) u sahansitra fil-mori tal-kawza. B'hekk l-azzjoni saret fit-terminu ta' sena preskritta mil-ligi.

Illi jinghad ukoll li l-konvenuti bbazaw anke t-titolu taghhom fuq l-allegazzjoni li tali porzjoni diviza ta' art kien parti mir-razzett li kien ta' certu Pietru Aquilina li jidher li telaq l-Awstralja fis-sena 1970 u fin-1972 miet hemm.

Illi l-eredi ta' l-istess Pietru Aquilina kienu Mary Anne Borg, Bartholomeo-Tony, maghruf ukoll bhala Robert Bartolomeo, John Mary maghruf bhala James, Mary Rose Aquilina, Charles Aquilina, Mark Borg, Jason Borg, Susan Borg, Peter Borg, Julie Moffat armla ta' David Borg, Matthew Borg u Stephen Borg kollha jidher li qatt ma okkupaw l-istess ghalqa mertu tal-kawza odjerna u razzett sa minn qabel il-mewt ta' missierhom; ghalkemm jinghad li certu Bertu Bezzina kien jiehu hsieb l-istess raba'; din il-Qorti thoss li din ix-xhieda ma hijiex kredibbli u izjed u izjed meta kontradetta mix-xhieda kollha ta' l-atturi, u iktar u iktar meta qatt ma giet indikata mill-istesss xhieda ghall-liema art din il-persuna kienet qed tirreferi. Anzi din il-Qorti thoss li x-xhieda ta' Harold Ellul Mercer u Henri Saliba hija bil-wisq izjed konsistenti u affidabbli - anke meta wiehed jikkonsidra li l-konvenut Charles Vella kien avvicina whud mill-atturi sabiex jixtri din il-porzjoni ta' art minghandhom - xhieda li bl-ebda mod ma giet kontradetta jew ribattuta. Apparti minn dan l-istess persuna li qalet li kienet tahdem din ir-raba' kollha qatt ma rregistrat ma

hadd li kienet qed tahdem l-istess art u lanqas gabet il-minmu ta' prova tal-prodott li kienet tahdem f'din l-art kollha.

Illi f'dan is-sens huwa sinfikanti il-fatt li fil-kontro-ezami taghha quddiem din il-Qorti, Marianne Borg ma kienet xejn kredibbli, specjalment dwar kif kienet tinhadem l-art wara l-mewt ta' missierha. L-istess jista' jinghad dwar il-kontro-ezami ta' Michael Attard li kontrarjament ghal dak li sostnew xi whud mix-xhieda tal-konvenuti, kien issa l-istess Pietru Aqulina li qabbad lil dan Bertu Bezzina li jahdem l-istess ghalqa; min-naha l-ohra Joseph Aquilina wara li qal li jaf l-akkwati ghal iktar minn 30 sena pero` ma setax jghid x'tibdiliet saru fil-post minn meta dahal il-konvenut; Bertu Bezzina in kontro-ezami jghid li kienet qabditu jahdem ir-raba' Marianne Borg, meta hija stess fl-affidavit taghha tghid biss li l-eghlieqi kollha kienu jigu mahduma minn habib ta' zewgha.

Illi jinghad ukoll li r-ritratti esebiti jikkonfermaw li kif il-konvenut akkwista r-razzett saru diversi xoghlijiet fuq l-istess, u dan anke kif il-Qorti stess setghet tikkonstata fl-access li nzamm fit-22 ta' Marzu 2006 u fejn kien jidher li l-art in kwistjoni kienet qabel maqsuma fi hbula u kienet testendi mir-razzett u tibqa' niezla sal-wied, u dan wkoll kif ghad hemm fl-inhawi ta' l-istess art, izda din minflok u b'differenza mill-ambjent cirkondanti, giet imdawra bis-sigar u li l-istess anke ssostitwew hitan tas-sejjiegh li kien hemm, ghalkemm il-*boundary wall* baqa' fl-istess post izda gie moghli, liema hajt kien qieghed taht il-livell tat-triq. Fil-fatt din il-Qorti thoss li l-art posseduta mill-atturi kienet testendi mir-razzett, tkompli ma' tul it-triq (lejn id-direzzjoni tal-*bridge*) u tibqa' niezla sa l-ahhar hajt tas-sejjiegh fuq il-wied kif indikat fil-pjanta mmarkata bhala Dok. "A" a fol. 35 tal-process anness ma' l-affidavit ta' Harold Ellul Mercer a fol. 33 tal-process.

Illi ghalhekk f'dan is-sens t-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, **tilqa’ t-talbiet attrici fis-sens hawn deciz** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-konvenuti vvjolaw, bl-ghemil taghhom fuq imsemmi, il-pussess ta’ l-atturi tal-ghalqa fil-kontrada tal-Madliena, f’Wied id-Dis limiti tal-Gharghur deskritta fic-citazzjoni attrici u l-pjanta annessa ma’ l-istess bhala Dok. “P”;

2. Tordna li l-konvenuti jieqfu minn dan l-agir taghhom;

3. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex jirripristinaw l-art fl-istat li kienet u jirrijintegraw lill-atturi fil-pussess taghha u dan fi zmien qasir u perentorju ta’ disghin (90) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza u dan taht id-direzzjoni tal-Perit Arkitett Mario Cassar li qed jigi nnominat ghal dan l-iskop a spejjez tal-konvenuti.

4. Tawtorizza lill-atturi li, fin-nuqqas li l-konvenuti jaghmlu dan fit-terminu fuq indikat abbazi tat-tielet talba attrici, jaghmlu x-xoghlijiet huma a spejjez ta’ l-istess konvenuti taht id-direzzjoni tal-Perit Arkitett Mario Cassar li qed jigi nnominat ghal dan l-iskop

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------